MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 551/2007/1

**Emanuel Camilleri u martu Mary**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Semghet lill-avukati jittrattaw.

Ikkunsidrat illi skond l-Art. 873(i) – L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Ikkunsidrat ukoll li skond l-istess Art 873(2)

Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Il-Qorti f`dan il-kaz hi tal-fehma li r-rikorrent ghandu *prima facie* l-pussess tal-fondi 45, 46 u 47 kif ukoll it-tgawdija tal-bitha u gnien komuni.

Ghaldaqstant il-Qorti tipprovdi billi tilqa` t-talba kif dedotta fir-rikors.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------